# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M.,LL.D

Appell Nru: 275/2017

**Il-Pulizja**

**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**vs**

**Dorothy Refalo**

Illum, 26 ta' April 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti Dorothy Refalo detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 2872G quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-tlieta ta' Marzu, 2010, u matul l-ahhar erba snin ta' qabel, gewwa dawn il-Gzejjer, gewwa Victoria, Ghawdex u fi bnadi ohra f'hinijiet differenti:

1. Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura id-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini

perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939 jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinnza imsemmija u minghajr ma kellha licenzja jew xorta ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenza li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N> 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienetx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga fil-pusses taghha dina d-droga, u naqset li tipprova li d-droga msemmija kienet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provduta fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Gunju 2017 li biha sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghha, b'dan illi dan

biss b'referenza ghall-jum tat-3 ta' Marzu, 2010 u fix-xhur ta' qabel, u kkundannata ghall-piena ta' sentejn u sitt xhur prigunerija effettiva u ghall-multa ta' elf euro (€1000) b'dan illi jekk tonqos milli thallas fi zmien sitt (6) xhur, din il-multa tkun konvertita fi prigunerija skond il-ligi. Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannata ghal hlas tal-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu man-nomina tal-esperti fil-mori tal-inkjesta, liema spejjez b' kollox jammontaw ghas-somma ta' mija u hamsa u tmenin Euro u disgha u sebghin centezmu (€185.79) u ghandhom jithallsu mill-hatja fi zmien xahar mil-lum. Inoltre ordnat id-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mad-droga esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri, kif ukoll gibdet l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi l-hatja ghandha tinghata l-ghajnuna u l-kura kollha li ghandha bzonn sabiex tirrijabilita ruhha mill-vizzju tad-droga, inkluz li tinghata l-opportunita li ssegwi programm tar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Dorothy Refalo prezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Gunju 2017 li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti **thassar u tirrevoka** is-sentenza appellata u konsegwentement tilliberaha minn kull htija u piena u b'mod alternattiv **tirriformaha** f'dik il-parti tal-piena billi timponi piena aktar ekwa u gusta;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lid-difensuri tal-appellanta u lill-Avukat Generali

Ikkunsidrat:

**1.** Illi fl-ewwel gravam taghha l-appellant tressaq l-argument illi l-istess fatti huma soggett ta' proceduri separati kontra taghha u ghalhekk hemm il-possibilita' li tkun kundannata darbtejn ghall-istess fatt kontra l-principju legali ta' *ne bis in idem.* L-appellanta korrettement iccitat il-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 4 tal-Protokoll numru 7 tal-Konvenzjoni Ewropea Ghad Drittijiet tal-Bniedem u din il-Qorti zzid mieghu l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni li brevement jipprovdu li hadd ma ghandu jkun gudikat darbtejn dwar l-istess fatt/reat. Huma il-fatti li jiddeterminaw jekk imputat huwiex qed ikun sogettatt ghal-process iehor dwar l-istess fatt u ghalhekk ser jissokta l-ezami mehtieg sabiex ikun determinat dan il-punt;

**2.** L-argument tal-appellanta huwa msejjes fuq iz-zmien li tkopri l-imputazzjoni dedotta kontra taghha igifieri dik li fiha huwa allegat li traffikat id-droga **fit-3 ta' Marzu 2010 u l-erba (4) snin ta' qabel** li allura jinkludu l-perjodu **tax-xhur ta' Lulju w Awissu 2009** mertu ta' proceduri separati ukoll kontra taghha fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Johann Fenech) vs Dorothy Refalo (Kumpilazzjoni numru 105/2010);

**3.** Dwar il-materja in dizamina, din il-Qorti hi gwidata mill-insenjament emergenti mid-decizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet: **Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin** (Rikors numru 29/08) tal-4 ta' Gunju 2018 li kkonfermat is-sentenza fl-istess ismijiet moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) tas-26.3.2009 fejn kien trattat *funditus* l-elementi formanti l-prinicpju ta' *ne bis in idem* fejn ukoll kienet mistharrga d-differenza bejn l-istess fatti u l-istess reat ghal-fini ta' protezzjoni minn dupplicita' ta' proceduri kriminali.

**4.** Minn ezami tas-sentenzi appena citati, dak li din il-Qorti jehtieg li tistharreg hu jekk hemmx l-identita' ossia konkorrennza tal-istess fatt jew reat bejn iz-zewg proceduri kontra l-istess imputat. Dan ghaliex kif inghad fis-sentenza citata *supra* tal-Prim'Awla Il-Pulizija vs Magrin:

*Illi huwa wkoll stabilit li l-principju tan-ne bis in idem imhares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun ghaddiet minn process dwar reat, m'ghandha qatt terga tghaddi minn process iehor dwar tali reat jew dwar reati ohra li setghet tinstab hatja dwarhom f'dak l-ewwel process. Dan il-principju jidher li huwa l-verzjoni tad-dritt penali ta' dak il-principju l-iehor tar-res judicata li jikkostitwixxi eccezzjoni perentorja tal-gudizzju fil-qasam tal-procedura civili".*

**5.** Opportunement ghalhekk issir referenza ghas-sentenza **Carmel Joseph Farrugia vs L-Avukat Generali** – 35/2011 /1 PA (Gur Kost) 29.10.2012) fejn kien ritenut illi l-kuncett tal-gudikat japplika wkoll ghall-kawza kriminali u dan mhux ghal beneficcju tal-akkuzat biss fejn allura jokkorri li jkun hemm il-konkorrenza tat-tlett elementi: **eadem res, eadem personae** u **eadem causa petendi.** Dak li hu kontestat fil-kwistjoni hawn skrutinata huwa r-reat jew il-fatti li skond l-appellanta huma l-istess fiz-zewg kawzi pendenti kontra taghha;

**6.** L-aggravju tal-appellanta izda jinkontra l-ostakolu li ma kien hemm ebda procedura ohra **deciza** kontra taghha kif ser ikun spjegat aktar 'l isfel. Fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjoni appena citata, il-Qorti ticcita dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem **Grande Stevens v. Italy (18640/10** tas-7.7.2014 li kkonfermat dak li kienet qalet l-istess qorti fil-kaz **Sergey Zolotukhin v. Russia** (Grand Chamber) (14030/03) citata ukoll mill-appellanta fejn kien ritenut:

*"220. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of a new prosecution, where a prior acquital or conviction has already acquired the force of res judicata."*

**7. Iz-zewg proceduri kontra l-appellanta**:

Dik mertu ta' dan l-appell tipprovdi hekk:

"Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-tlieta (3) ta' Marzu 2010 u matul l-ahhar eba snin ta' qabel, gewwa Victoria, Ghawdex u fi bnadi ohra f'hinijiet differenti: forniet jew ipprokurat ....."

Dik fil-kumpilazzjoni numru 105/2010 :
"Billi inti akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer matul ix-xhur ta' Lulju u Awissu 2009: Fornejt jew ipprokurajt ...."

Issa filwaqt illi huwa minnu illi l-imputazzjonijiet mertu ta' dan l-appell ikopru ukoll in parti l-perjodu indikat fil-kumpilazzjoni 105/2010, l-appellanta indikat biss li dik l-istess kumpilazzjoni ghadha pendenti, esebiet kopja ta' atti li ghandhom pendenti u ghalhekk mhix applikabbli r-regola *ne bis in idem* proprju ghaliex ma hemmx gudikat dwar dik il-kumpilazzjoni. L-istess appellanta tirrikonoxxi illi l-ilment taghha huwa msejjes fuq <u>il-possibilita</u> u ghalhekk mhux fuq il-fatt li hemm gudikat fil-konfront taghha. Inoltre, l-ewwel Qorti sabet htija fl-appellanta "*b'referenza ghall-jum tat-tlieta (3) ta' Marzu 2010 u fix-xhur ta' qabel*" <u>**li ifissir**</u> li wara d-debiti proceduri kriminali ma sabitx htija dwar il-perjodu intier ravvizat fl-imputazzjoni igifieri fl-ahhar erba' snin ta' qabel it-3 ta' Marzu, 2010 izda biss ghat-3 ta' Marzu 2010 u x-xhur ta' qabel li ghalhekk logikament ikopru l-ewwel xhur ta' dik is-sena. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

**8.** Fit-tieni gravam, l-appellanta tressaq l-argument illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi kif ukoll tal-ligi. Jokkorri ghalhekk ezami approfondit tal-fatti sabiex din il-Qorti tkun f'qaghda tiddeciedi jekk il-konkluzzjoni li wasslet ghaliha l-ewwel Qorti kienitx wahda li setghet tasal ghaliha legalment u ragjonevolment;

**9.** Il-fatti ta' dan il-kaz, brevement rakkontati, jirrisalu ghall-Marzu tas-sena 2010 meta l-Pulizija kienu ghamlu tfittxija fir-residenza tal-appellanta u hemm sabu mizien digitali, borza zghira bi tracci ta' trab kannella, kwantita ta' karti maqtughin bi tracci ta' trab kannella

fuqhom u kwantita ta' magazines li kellhom kantunieri neqsin. Waqt l-indagini taghhom il-Pulizija arrest ukoll lill-certu Jozef Juan Cauchi li permezz ta' stqarrija guramentata quddiem Magistrat Inkwirenti kien stqarr li kien xtara xi eroina minghand l-appellanta u li darba minnhom kien ukoll biegh l-eroina lill-appellanta ghaliex kienet fil-bzonn tant li ta minn tieghu. Ezamijiet tal-laboratorju urew li t-tracci tat-trab fil-borza kienu tad-droga eroina u li l-bicciet tal-karti kienu *mechanical fit* mal-karti minn fejn inqatghu. Zewgt iqratas vojta misjuba fuq il-post rrizultaw negattiv ghal-ezami ta' droga;

**10.** Jozef Juan Cauchi xehed illi kien ghadda minn proceduri kriminali kontra tieghu dwar droga li llum huma konkluzi. Spjega kif kien zvela mal-Pulizija tlett minn nies wahda minnhom l-imputata li kien ghamel gimgha jixtri l-*ismack* minghandha madwar erba' snin qabel mill-hanut fejn kienet tahdem [li jigi allura z-zmien meta saret it-tfittxija u l-arrest tal-imputata];

**11.** Minn dan il-kwadru, l-ewwel Qorti deherilha illi l-prosekuzzjoni kienet pruvat il-kaz taghha fil-grad rikjest mill-ligi, igifieri minghajr dubju dettat mir-raguni. L-appellanta mhix tal-istess fehma ghaliex ittenni li l-prosekuzzjoni kellha tressaq prova ta' traffikar, haga li ma ghamiltx, u li kellha tressaq provi biex turi li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghha. Din il-Qorti mhix tal-istess fehma ghaliex il-Prosekuzzjoni ressqet xhud li ddikjara li ghamel zmien, anke jekk qasir, jixtri minghand l-appellanta liema dikjarazzjoni kienet imsahha mill-indizji konsistenti fil-mizien digitali, bicciet tal-karti kwadri maqtughin minn *magazines* li kienu ghadhom fuq il-post, borza bi tracci ta' eroina, numru ta' qratas vojta kollha mir-residenza tal-imputata li taghmel parti minn hanut, bar, minn fejn qal li kien jixtri Cauchi u li fih kienet tahdem l-istess imputata;

**12.** Kif tajjeb osservat l-appellanta, *qua* imputata ma ghandha ghalfejn tipprova xejn u jekk tressaq xi prova, anke bil-forma tal-kontro-ezami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni, ikun sufficjenti ghaliha li tilhaq il-grad tal-probabbli. Fi kliem iehor, jekk bil-provi li tressaq l-

imputata aktarx iva milli le li l-fatti sehhew kif tghid hi, allura kien ikun hemm lok ta' liberatorja. Fil-fehma ta' din il-Qorti, izda, dan muhiex il-kaz ghaliex sia mid-deposizzjoni taghha quddiem il-Magistrat Inkwirenti, mhux kontestata minnha, anzi minnha accettata bhala prova u strahet fuqha fis-sottomisjonijiet, kif ukoll mill-kontro-ezami ta' tnejn biss mix-xhieda tal-prosekuzzjoni igifieri ta' PS 138 u tal-Ispettur Josric Mifsud, mhux naxxenti dak id-dubju ragjonevoli li kellu jlissen nuqqas ta' konviciment morali fil-Qorti tal-Ewwel Grad;

**13.** Din il-Qorti qrat bir-reqqa diversi drabi l-istqarrija ta' Cauchi, id-deposizzjoni tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti kif ukoll id-deposizzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti u ma rriskontratax dawk l-inkonsistenzi li l-appellanta tishaq li hemm fil-verzjoni tieghu. L-unika divergenza li hemm bejn l-istqarrija u d-deposizzjoni tieghu moghtija lill-Pulizija u lill-Magistrat Inkwirenti erba snin qabel ma rega ddepona quddiem l-ewwwel Qorti hi dik rigwardanti kemm kien ilu jixtri minghand l-appellanta. Fejn qabel kien qal li kien ilu jixtri minghand l-appellanta bejn Ottubru u Dicembru, erba snin wara quddiem l-ewwel Qorti xehed li kien ilu jixtri minghandha ghal madwar gimgha. Dan ma jirradikax f'din il-Qorti l-incertezzi u dubji li jsawru l-aggravji tal-appellanta dwar l-ewwel imputazzjoni;

1. It-tieni gravam tal-appellanta jestendi ukoll fuq it-tieni imputazzjoni fejn tressaq l-argument illi l-prosekuzzjoni ma ressqitx provi biex turi li d-droga misjuba fil-pussess tal-imputata ma kienx ghall-uzu esklussiv taghha. Dwar dan l-argument tajjeb li ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Il-Pulizija vs Noel Borg tat-12 ta' Frar, 2009 li tqieghed fil-perspettiva id-diversi hsibijiet tal-gudikant in rigward:

> "Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs Marius Magri" [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta' biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata.

Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwisjtoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (igifieri ghall-uzu biss tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App Krim. "Il-Pulizija vs Carmel Degiorgio" [26.8.1998]. Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali: "il-Pulizija vs Carmelo Spiter" [2.9.1999].)

"Illi pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmlu il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha l-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anke jekk mhux neccessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim. "Il-Pulizijia vs Brian Caruana" [23.5.2002]). "

**14.** Issa, mill-atti processwali jemergi illi mir-residenza fejn tghix l-imputata kienet elevata borza zghira li kien fiha kantuniera trab kannella. Dan skond ix-xhud PC 138. WPC 37 tghid li kienet elevata borza tal-plastic zghira bi tracci fiha. Fir-relazzjoni tieghu, ix-xjenzat Godwin Sammut ma jghid xejn dwar il-piz tat-trab li stabilixxa li kien droga eroina u in mankanza ta' provi ohra din il-Qorti ikollha tikkonkludi illi dan kien konsistenti biss fi tracca. Dan ma hu xejn indikattiv tal-intenzjoni ta' spacc izda jammonta ghall-pussess minghajr l-aggravanti. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason Mallia tat-2 ta' Settembru 1999 kien ritenut illi l-prosekuzzjoni f'kazijiet bhal dak odjern mhux mehtiega li tipprova li kien hemm l-intenzjoni tal-ispacc izda huwa sufficjenti li tipprova li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu biss ta' dik il-persuna. Applikat dan ghall-kaz odjern, ma jistghax jinghad li l-prosekuzzjoni

ippruvat li d-droga misjuba ma kienitx biss ghall-uzu tal-imputata ghaliex dik misjuba kienet biss tracca;

**15.** Jidher illi l-ewwel Qorti applikat il-prova mressqa ghaz-zewg imputazzjonijiet flimkien meta dawn huma differenti u indipendenti minn xulxin. Meta l-ewwel Qorti qalet li "*f'dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni gabet il-prova fil-grad rikjest mil-ligi*" certament ma setghetx kienet qed tirreferi ghat-tieni imputazzjoni ghaliex dan kien jirrikjedi l-ewwel u qabel kollox prova ta' sejbien ta' droga f'ammont li iqanqal suspett li dak ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-persuna. Ghalkemm kienet korretta r-referenza ghas-sentenzi tal-qrati taghna mill-ewwel Qorti, il-punt ta' partenza kellu jkun l-ammont li fi kliem is-sentenza citata mill-istess Qorti Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi (App Krim 17.2.1997) *".....ewwel nett wiehed ghandh jara jekk l-ammont ta' droga huwiex wiehed li <u>normalment</u> wiehed jassocja ma' uzu personali....".* F'dan il-kaz, izda, l-ammont certament ma seta qatt jaghti lok ghat tieni imputazzjoni. Inoltre dan l-ezercizzju huwa kollu inutli ghaliex l-imputazzjoniji hawn ezaminata hija dwar pussess hekk imsejjah semplici, jigifieri pussess minghajr l-aggravanti tal-ammont. L-ewwel Qorti ghamlet kunsiderazzjonijiet u sabet htija fit-tieni imputazzjoni inkuz bl-aggravanti meta ma setghetx mentre propio zzid mal-imputazzjonijiet. Minn naha taghha l-appellanta ressqet l-aggravju in dizamina minghajr ma ghamlet accenn ghal dan in-nuqqas. Dan izda qed ikun sollevat minn din il-Qorti ghal ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja anke ghaliex huwa wiehed ta' ordni pubblika. Kwistjoni din ta' massima importanza ghaliex bl-aggravamenti l-imputata kienet possibli ghall-ghaxar snin prigunerija.

**16.** L-appellanta ghalhekk kellha tinsab hatja ta' pussess ta' droga minghajr l-aggravanti, liema htija hija minnha koncessa.

**17.** It-tielet gravam mressaq mill-appellanta jirrigward l-piena erogata u tressaq l-argument illi din hija wahda esagerata u sproporzjonata konsiderat illi l-ewwel Qorti sabet htija dwar traffikar fuq perjodu tal-jum imputat u fix-xhur ta' qabel u mhux dwar l-erba

snin ta' qabel. Tillanja ukoll il-piena kominata bl-argumenti illi ix-xhud tal-prosekuzzjoni ma kienx konsistenti, l-ammont ta' droga ma kienx kwantifikabbli, li qatt ma kien determinat il-perjodu tal-allegat traffika u li ghenet lill-Pulizija. Bid-dovut rigward, l-ebda wiehed minn dawn l-argument hlief l-ammont ta' droga ma jistghu jkunu ta' beneficcju ghall-appellanta. L-inkonsistenza o meno tax-xhud hija kwistjoni li ma taghmilx stat ta' fatt gia la darba l-ewwel Qorti u din warajha huma tal-fehma li dan ix-xhud kellu jitwemmen u mhux l-appellanta. Huwa mmaterjal l-perjodu li fih l-appellanta ttrafikat id-droga u ma jirrizultax mill-atti processwali li ghenet lill-Pulizija kif minnha allegat b'mod allura, kif tifhem din il-Qorti, li kellu jkun applikat fil-konfront taghha l-artikolu 29 tal-Kaptiolu 101 tal-ligijiet ta' Malta. Dak li xehed dwaru PC 138 huwa dwar drabi ohra li fih ghenet lill-Pulizija izda fil-kaz odjerna ma rrizultax li b'xi mod ghenet lil-Pulizija fil-kuntest tal-artikolu 29.

**18.** Issa, ghalkemm muhiex normali li din il-Qorti bhala Qorti tal-Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena, hlief jekk din tkun aktar jew anqas minn dik li setghet tkun erogata, din il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-appellanta kellha tinstab hatja ta' pussess minghajr l-aggravanti. L-appellanta ressqet l-argumenti illi llum tinsab fi triq it-tajba u li qed taghmel minn kollox biex tissupera id-dipendenza taghha mid-droga. Dwar dan, izda, ma ressqet ebda hjiel ta' prova u ghalhekk mhix ser tiehu din in konsiderazzjoni. L-istess jinghad ghal-fatt illi x-xhud Cauchi inghata piena ferm u ferm anqas minn dik moghtija lill-appellanta. Dwar dan, izda, oltre li din il-Qorti tfakkar illi l-paraguni huma odjuzi, tqis illi Cauchi kien ibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 u ghalhekk ma hemm ebda paragun bejn dik u din il-kawza;

**19.** Ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi tichad l-ewwel aggravju. Tichad ukoll it-tieni aggravju kwantu jolqot l-ewwel imputazzjoni u tilqa' it-tieni aggravju kwantu jolqot it-tieni

imputazzjoni. Konsegwentement, tichad it-talba tal-appellanta ghat-thassir tas-sentenza appellata b'dan illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellanta hatja tal-ewwel imputazzjoni, thassarha f'dik il-parti li biha sabitha hatja tal-aggravanti fit-tieni imputazzjoni b'dan ghallhekk illi hija hatja ta' pussess ta' droga (eroina). Konsegwentement ukoll tilqa' t-tielet aggravju anke jekk mhux ghar-ragunijiet mressqa mill-appellanta u ghalhekk thassaraha f'dik il-parti li biha ikkundannatha ghal-terminu ta' sentejn u nofs prigunerija u minflok, wara li hadet in konsiderazzjoni il-piena moghtija f'kawzi kriminali sia lokalment kif ukoll fl-esteru tikkundannaha ghal-terminu ta' sena prigunerija u tikkonfermaha fil-bqija.

**IMHALLEF** **D/ REGISTRATUR**